**23 ta' Jannar, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (Hist.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Edwin Caruana

*versus*

Joseph Gasan *et noe*

**Habta - Danni - Polza ta' Assigurazzjoni - Surroga -**

## Relazzjoni Ġuridika bejn l-Attur (Danneġġjat) u l-Kumpannija Assikuratriċi ta' Sid il-Vettura l-Oħra Involuta fil-Ħabta

*Fil-qosor il-fatti li taw lok għall-kawża odjerna huma li l-attur kien involut f'kolliżjoni ma' vettura assigurata mal-konvenut* nomine, *u din l-assigurazzjoni ħallset lill-assigurat tagħha tad-danni riportati fil-vettura tiegħu u kwindi ssurrogat ruħha fid-drittijiet tiegħu u b'riżultat ta' l-istess surroga hija istitwiet proċeduri kontra l-attur odjern u dik il-kawża ġiet deċiża kontra l-konvenut* nomine, *attur f'dik il-kawża, liema sentenza għaddiet in ġudikat. L-attur odjern imbagħad kiteb lis-soċjetà konvenuta għar-risarċiment tad-danni tiegħu, iżda l-assigurazzjoni sostniet li d-dritt ta' l-azzjoni ta' l-attur odjern kien perent bid-dekors ta' sentejn. L-assigurazzjoni sostniet ukoll li hija ma kinitx il-leġittimu kontradittur billi ma kien hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u l-attur. L-Ewwel Qorti laqgħet din it-tieni eċċezzjoni u lliberat lis-soċjetà konvenuta mill-osservanza tal-ġudizzju bi spejjeż għall-attur. L-attur appella.*

*L-appellant qed jibbaża t-teżi tiegħu li l-kumpannija konvenuta għandha relazzjoni ġuridika u diretta ma' l-attur fuq żewġ elementi u ċjoè: (1) bħala konsegwenza tal-fatt li hija aġixxiet kontra l-attur odjern, wara li hija kienet ġiet surrogata fid-drittijiet ta'l-assigurat tagħha; u (2) bħala konsegwenza tal-fatt li eċċepiet il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna.*

*Meta s-soċjetà konvenuta ħallset lill-assigurat tagħha Maurice Xuereb hija ġiet surrogata fid-drittijiet tiegħu fil-konfront ta' l-attur, naxxenti mill-kolliżjoni li ġrat bejn l-attur u mart l-assigurat, Monica Xuereb. Is-surroga kkonferiet lis-surrogat drittijiet u ma imponietx fuqu obbligi fil-konfront ta' l-attur.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentena mogħtija fit-22 ta' April, 1996 mill-

Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li tgħid hekk:

"Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fit-2 ta' Settembru, 1993 li bih l-attur, wara li ppremetta li:

Fis-6 ta' April, 1991, kien involut f'inċident awtomobilistiku ma' Maurice Xuereb li huwa assigurat mal-konvenut *nomine*;

Peress illi Maurice Xuereb kien assigurat taħt *comprehensive cover* mas-soċjetà konvenuta u konsegwentement il-konvenut *nomine* ħallas lill-assigurat tiegħu tal-ħsarat riportati fil-vettura tiegħu u b'hekk ġie ssurrogat fid-drittijiet tiegħu u għalhekk l-istess konvenut *nomine* istitwixxa proċeduri kontra l-attur sabiex jiġi ddikjarat li huwa responsabbli għall-kolliżjoni meritu tal-kawża u għall-kundanna u ħlas tad-danni - avviż numru 223/92DS - liema kawża ġiet definittivament deċiża fit-28 ta' Jannar, 1993 fis-sens li ċaħdet it-talbiet attriċi bl-isepjjeż kontra tiegħu u mil-liema deċiżjoni ma sarx appell mill-konvenut odjern *nomine*;

Peress illi fil-kors ta' dik il-kawża l-konvenut *nomine*, attur f'dik il-kawża, ippreżenta mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-attur għall-ammont ta' Lm173.51 liema mandat ġie mneħħi wara li l-konvenut f'dik il-kawża assigura lill-attur *nomie* f'dik il-kawża li l-assigurazzjoni tiegħu kienet sejra tonora s-sentenza definittiva ta' dawn il-Qrati;

Peress illi wara li ġiet deċiża dik il-kawża l-attur kiteb lis-soċjetà konvenuta sabiex jiġi risarċit tad-danni minnu subiti, din is-soċjetà konvenuta, flok laqgħet it-talba ta' l-attur, qed tippretendi u tallega li tali reklam huwa issa preskritt billi għaddew aktar minn sentejn mid-data ta' l-inċident;

Peress illi b'riżultat tal-kawża li fetħet is-soċjetà konvenuta u li ġiet deċiża fit-28 ta' Jannar, 1993, hija daħlet f'*relazzjonijiet ġuridiċi diretti ma' l-attur, tant li rrimwoviet il*-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq l-assigurazzjoni li ngħatatilha mill-Avukat sottofirmat għan-nom ta' l-attur, oltre ukoll għan-nom ta' l-assigurazzjoni tiegħu, kif fuq spjegat;

Peress illi komunkwe d-dritt ta' l-attur għar-risarċiment tad-danni avolja twieled mal-ħabta in kwantu dan huwa dirett kontra Maurice Xuereb, in kwantu jirrigwarda lill-assigurazzjoni ta' l-istess Xuereb, ossia s-soċjetà konvenuta, dan nibet mas-sentenza fuq riferita mogħtija minn dawn il-qrati u għalhekk l-azzjoni attriċi mhijiex effettivament preskritta, kif qed jippretendi l-konvenut *nomine*;

L-istess attur talab li, prevja d-dikjarazzjoni illi l-azzjoni attriċi mhijiex preskritta u li l-meritu ta' l-inċident ġà ġie kristallizzat u konsegwentement ma għadx hemm għalfejn jiġi indagat min mis-sewwieqa huwa responsabbli għall-kolliżjoni in kwistjoni, u, prevja li komunkwe l-persuna responsabbli għall-inċident hija s-sewwieqa tal-vettura assigurata mal-konvenut *nomine*;

Li din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallas lill-attur is-somma ta' Lm594.45 rappreżentanti d-danni sofferti mill-attur b'riżultat tal-kolliżjoni meritu tal-kawża - kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi;

Bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-preżenti u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' erba' ittri legali kontra l-konvenut *nomine*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-Avukat Dottor Louis Bianchi *nomine li biha eċċepixxa:*

Illi fl-ewwel lok l-azzjoni ta' l-attur hija preskritta kontra l-assikurat ta' l-eċċipjenti a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili u kwindi hija preskritta ukoll jekk qatt kellu kontra l-eċċipjenti *nomine* taħt l-istess artikolu;

Illi, fit-tieni lok, u mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, l-eċċipjent mhuwiex il-leġittimu kontradittur billi qatt ma kien hemm dik ir-relazzjoni ġuridika ma' l-attur Edwin Caruana kif qed isostni l-attur, għax meta l-esponenti *nomine* aġixxa fil-kawża msemmija mill-attur, huwa aġixxa biss bħala surrogat ta' l-assikurat tiegħu;

Illi, fit-tielet lok u ukoll bla preġudizzju għas-sopraskritt, qatt ma ġie deċiż illi l-inċident tat-traffiku li seħħ fis-6 ta' April, 1991, ġara tort ta' l-assikurat ta' l-eċċipjent Monica Xuereb u għalhekk it-talba ta' l-attur li jitħallas id-danni li huwa sofra fl-inċident għandha tiġi miċħuda;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Eżaminat il-provi li tressqu u rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-attur li bih talab ir-revoka tas-sentenza appellata fis-sens li tiċħad it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut u tilqa' t-talba attriċi, bl-imgħax u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetà konvenuta;

Rat ir-risposta tal-konvenut *nomine* appellat li biha espona

li s-sentenza appellata timmerita li tiġi kkonfermata u li l-appell għandu jiġi miċħud bħala infondat fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat;

*Omissis*;

Ikkunsidrat:

Fil-qosor il-fatti li taw lok għall-kawża odjerna huma li l-attur kien involut f'kolliżjoni ma' vettura assigurata mal-konvenut *nomine*, u din l-assigurazzjoni ħallset lill-assigurat tagħha tad-danni riportati fil-vettura tiegħu u kwindi ssurrogat ruħha fid-drittijiet tiegħu u b'riżultat ta' l-istess surroga hija istitwiet proċeduri kontra l-attur odjern u dik il-kawża ġiet deċiża kontra l-konvenut *nomine*, attur f'dik il-kawża, liema sentenza għaddiet in ġudikat. L-attur odjern imbagħad kiteb lis-soċjetà konvenuta għar-risarċiment tad-danni tiegħu, l-assigurazzjoni sostniet li d-dritt ta' l-azzjoni ta' l-attur odjern kien perent bid-dekors ta' sentejn;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut *nomine* appellat issottometta *inter alia*:

"Illi s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti hija ġusta u timmerita konferma billi, kif qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, wieħed ma jistax validament jargumenta li bis-saħħa ta' l-ewwel

kawża u ċjoè **Dottor Louis Bianchi** ***nomine vs*** **Edwin Caruana** (Avviż nru. 223/92 DS) deċiża fit-28 ta' Jannar, 1993 ġiet kreata relazzjoni ġuridika li toltrepassa l-limiti tas-surroga. Is-soċjetà assikuratriċi, b'dik is-surroga assumiet biss id-drittijiet ta' l-assikurat tagħha Maurice Xuereb u ma assumiet l-ebda obbligu tiegħu. U dana apparti l-fatt li Maurice Xuereb ma kinitx il-persuna li kienet involuta fl-inċident tat-traffiku ma' l-attur Edwin Caruana, iżda kienet Monica Xuereb. Jekk qatt seta' kien hemm xi relazzjoni ġuridika bħala riżultat ta' l-inċident din ir-relazzjoni kienet biss bejn Edwin Caruana u Monica Xuereb. Edwin Caruana kien intitolat jaġixxi biss kontra din il-persuna sabiex jottjeni risarċiment għad-danni li sofra fl-istess kolliżjoni, ħaġa li huwa ma għamilx billi huwa kien jaf illi l-azzjoni tiegħu kienet preskritta (*vide* dokument C - ittra tal-konvenut 19/4/1993). Għalhekk huwa ma kellux triq oħra ħlief li jipprova jsostni li s-soċjetà assikuratriċi bil-kawża ppreżentata minnha stess quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet ikkreat relazzjoni ġuridika u li b'hekk kienet interrompiet il-preskrizzjoni favur Edwin Caruana. Ħaġa li hija għal kollox insostenibbli u inaċċettabbli u ċertament ma ħolqitx dak id-dritt li qed jgħid l-attur Edwin Caruana;

*Omissis*;

Ikkunsidrat ulterjorment:

L-appellant qed jibbaża t-teżi tiegħu li l-kumpannija konvenuta għandha relazzjoni ġuridika u diretta ma' l-attur fuq żewġ element u ċjoè: (1) bħala konsegwenza tal-fatt li hija aġixxiet kontra l-attur odjern; wara li hija kienet ġiet surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha; u (2) bħala konsegwenza tal-fatt li eċċepiet il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna;

Jiġi rrilevat li meta s-soċjetà konvenuta ħallset lill-

assigurat tagħha Maurice Xuereb hija ġiet surrogata fid-drittijiet tiegħu fil-konfront ta' l-attur, naxxenti mill-kolliżjoni li ġrat bejn l-attur u mart l-assigurat, Monica Xuereb. Is-surroga kkonferiet lis-surrogat drittijiet u ma imponietx fuqu obbligi fil-konfront ta' l-attur. Del resto, Maurice Xuereb ma setax ikollu obbligi naxxenti mill-kolliżjoni billi huwa ma kienx involut fil-kolliżjoni, iżda kien biss il-proprjetarju tal-vettura involuta u li kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni mas-soċjeà konvenuta. Sa hawn jidher li jaqbel anke l-appellant, iżda l-appellant isostni li l-posizzjoni ġuridika tbiddlet meta s-soċjetà konvenuta aġixxit kontra l-attur odjern fil-kawża l-oħra, dwar l-istess *kolliżjoni;*

Il-Qorti tifhem li meta s-soċjetà konvenuta intavolat il-kawża kontra l-attur, hija daħlet f'relazzjoni legali ġudizzjarja, fis-sens li, per eżempju, hija setgħet issir debitur ta' l-attur għall-ispejjeż ġudizzjarji, iżda daqshekk biss u mhux tbiddel il-figura ġuridika tagħha ta' surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha;

Għar-rigward ta' dak li qed isostni l-appellant in konnessjoni ma' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, jista' jiġi objettat li s-soċjetà konvenuta, una volta li qiegħda teċċepixxi li hija mhix il-leġittimu kontradittur, ma kellhiex interess li teċċepixxi ukoll li l-azzjoni hija perenta bil-preskrizzjoni, però bl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni hija imponiet fuqha biss l-obbligu li tipprova l-fondatezza ta' l-eċċezzjoni u xejn iżjed. Ma jistax jiġi argumentat illi, kieku ġiet ittrattata u miċħuda l-preskrizzjoni, is-soċjetà konvenuta kienet b'hekk issir, dak li ma kinitx, u ċjoè leġittimu kontradittur. Però, huwa iżjed loġiku u ġuridikament korrett, dak li għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti, li ddeċidiet l-eċċezzjoni li s-soċjetà konvenuta mhix il-leġittimu kontradittur qabel dik tal-preskrizzjoni;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-aggravji ta' l-appellant mhumiex fondati billi s-sentenza appellata għamlet apprezzament ġust tal-provi rilevanti għall-eċċezzjoni deċiża u għamlet ukoll enunzjazzjoni korretta tal-liġi meta hija kkonkludiet li, fl-assenza ta' ftehim *ad hoc* bejn l-attur u s-soċjetà konvenuta, il-kawża preċedenti ma kkreatx, kif jippretendi l-attur, xi relazzjoni ġuridika ġdida barra l-konfini stretti ta' dik il-kawża, u konsegwentement, laqgħet it-tieni eċċezzjoni;

Għalhekk l-appell ta' l-attur għandu jiġi miċħud;

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi billi tiċħad l-appell ta' l-attur, u konsegwentement, tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-attur appellant.

---